MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2007

Numru 1098/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR STEPHEN MALLIA**

**VS**

**EDMOND VELLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Edmond Vella, ta’ 49 sena, iben il-mejjet Alfred u Gaetana nee’ Sammut, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-23 ta’ Mejju, 1957, residenti fil-fond imsejjah The Vineyards, Triq is-Sebbuqa, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 402057(M);

Akkuzat talli b’diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. Talli nhar l-20 ta' Settembru, 2006 u fix-xhur ta' qabel, fil-Fgura, fil-Furjana, u f'inhawi differenti f'dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta' flus ta'sigurta kontra r-riskji, jew xi qliegh iehor mhux misthoqq, iddistrugga, xerred 'l hawn u 'l hemm jew gharraq b'xi mezz li jkun hwejjeg tieghu, u cioe' vettura tal-marka Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni AAG 705;

2. U kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkonstanzi, iddenunzja lill-pulizija ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, u cioe' billi ghamel rapport falz lill-pulizija dwar serq ta' vettura tal-marka Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni AAG 705.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fil-verbal tal-lum, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkunsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lil-imsemmi imputat Edmond Vella hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------